# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Diċembru 2012

## dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva

(2012/772/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Il-pajjiżi tad-dinja kollha tradizzjonalment ittrattaw il-pjanifikazzjoni tat-taxxa bħala prattika leġittima. Maż-żmien, madankollu, l-istrutturi tal-pjanifikazzjoni fiskali saru dejjem aktar sofistikati. Dawn jiżviluppaw madwar ġurisdizzjonijiet varji u effettivament, jittrasferixxu profitti taxxabbli lejn stati li għandhom sistemi tat-taxxa favorevoli. Karatteristika ewlenija tal-prattiki inkwistjoni hija li dawn inaqqsu r-responsabbiltà fiskali permezz ta' arranġamenti strettament legali li madankollu jikkontradixxu l-ispirtu tal-liġi.

(2) Il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva tikkonsisti f'li wieħed jieħu vantaġġ mit-teknikalitajiet ta' sistema fiskali jew mid-diskrepanzi bejn żewġ sistemi fiskali jew aktar bl-iskop ta' tnaqqis fit-taxxa dovuta. Il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva tista' tieħu ħafna forom. Il-konsegwenzi tagħha jinkludu tnaqqis doppju (eż. l-istess telf jitnaqqas kemm fl-Istat ta' oriġini kif ukoll ta' residenza) u n-non-tassazzjoni doppja (eż. dħul li mhuwiex intaxxat fl-Istat ta' oriġini ikun eżentat fl-Istat ta' residenza).

(3) L-Istati Membri jsibuha diffiċli biex jipproteġu l-bażijiet fiskali nazzjonali tagħhom mill-erożjoni permezz ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, minkejja sforzi importanti. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali f'dan il-qasam spiss ma jkunux effettivi għal kollox, l-aktar minħabba d-dimensjoni transkonfinali ta' ħafna strutturi ta' pjanifikazzjoni fiskali u ż-żieda fil-mobilità tal-kapital u tal-persuni.

(4) Bil-ħsieb li naslu għal funzjonament aħjar tas-suq intern, huwa meħtieġ li l-Istati Membri kollha jiġu mħeġġa biex jieħdu l-istess approċċ ġenerali lejn il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, li għandu jgħin biex jonqsu d-distorsjonijiet eżistenti.

(5) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet li fihom kontribwent jista' jikseb benefiċċji fiskali billi jimmanuvra l-affarijiet fiskali tiegħu b'tali mod li d-dħul ma jiġi intaxxat minn ebda ġuriżdizzjoniji fiskali involuta (in-non-tassazzjoni doppja). Il-persistenza ta' tali sitwazzjonijiet tista' twassal għal flussi artifiċjali ta' kapital u movimenti ta' kontribwenti fis-suq intern u għaldaqstant issir ħsara lit-tħaddim xieraq tas-suq filwaqt li jitherrew il-bażijiet fiskali tal-Istati Membri.

(6) Fl-2012 il-Kummissjoni mexxiet konsultazzjoni pubblika dwar in-non-tassazzjoni doppja fis-suq intern. Billi mhuwiex possibbli li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha koperti minn dik il-konsultazzjoni permezz ta' soluzzjoni unika, huwa xieraq li, bħala l-ewwel pass, tiġi ttrattata l-kwistjoni li hi marbuta ma' ċerti strutturi ta' pjanifikazzjoni fiskali li spiss jintużaw biex jittieħed vantaġġ mid-diskrepanzi bejn żewġ sistemi fiskali jew aktar u li ta' sikwit twassal għal non-tassazzjoni doppja.

(7) Fil-konvenzjonijiet tagħhom dwar it-tassazzjoni doppja, l-Istati spiss jintrabtu biex ma jintaxxawx ċertu dħul. Biex jipprovdu għal tali trattament, huma mhux neċessarjament iqisu jekk tali elementi humiex suġġetti għat-taxxa għand il-parti l-oħra għal dik il-konvenzjoni, u għalhekk jekk hemmx ir-riskju ta' non-tassazzjoni doppja. Tali riskju jista' jseħħ ukoll jekk l-Istati Membri unilateralment jeżentaw elementi ta' dħul barrani, irrispettivament minn jekk dawn humiex suġġetti għat-taxxa fl-Istat ta' oriġini. Huwa importanti li f'din ir-Rakkomandazzjoni jiġu indirizzati ż-żewġ sitwazzjonijiet.

(8) Minħabba li l-istrutturi tal-pjanifikazzjoni fiskali qed ikunu dejjem aktar elaborati u l-leġiżlaturi nazzjonali ħafna drabi ma jkollhomx żmien biżżejjed biex jirreaġixxu, spiss jirriżulta li l-miżuri speċifiċi ta' kontra l-abbuż ma jkunux biżżejjed biex jirnexxilhom ilaħħqu ma' strutturi ta' pjaifikazzjoni fiskali aggressivi ġodda. Tali strutturi jistgħu jagħmlu ħsara lid-dħul fiskali nazzjonali u lill-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi rrakkomandata l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' regola ġenerali komuni kontra l-abbużi, li għandha wkoll tevita l-kumplessità ta' ħafna differenti. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jitqiesu l-limiti imposti mil-liġi tal-Unjoni rigward ir-regoli ta' kontra l-abbuż.

(9) Sabiex jiġi ppreservat l-operat awtonomu tal-atti eżistenti tal-Unjoni fil-qasam konċernat, din ir-Rakkomandazzjoni ma tapplikax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE [1], tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE [2] u tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE [3]. Il-Kummissjoni bħalissa qed tikkunsidra reviżjoni ta' dawk id-Direttivi bil-għan li jiġu implimentati l-prinċipji li jirfdu din ir-Rakkomandazzjoni,

[1] ĠU L 310, 25.11.2009, p. 34.
[2] ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8.
[3] ĠU L 157, 26.6.2003, p. 49

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din ir-Rakkomandazzjoni tindirizza l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva fil-qasam tat-tassazzjoni diretta.

Hija ma tapplikax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni li t-tħaddim tagħhom jista' jintlaqat mit-termini tagħha.

2. Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "taxxa" tfisser taxxa fuq id-dħul, taxxa korporattiva u, fejn applikabbli, taxxa fuq il-qligħ kapitali, kif ukoll taxxa minn ras il-għajn ta' natura ekwivalenti għal kwalunkwe minn dawn it-taxxi;

(b) "dħul" tfisser l-elementi kollha li huma definiti bħala tali taħt il-liġi domestika tal-Istat Membru li japplika t-terminu u, fejn applikabbli, l-elementi definiti bħala qligħ kapitali.

3. Limitazzjoni għall-applikazzjoni tar-regoli maħsuba biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja

3.1. Fejn l-Istati Membri, f'konvenzjonijiet ta' tassazzjoni doppja li jkunu kkonkludew ma' xulxin jew ma' pajjiżi terzi, intrabtu li ma jintaxxawx xi element ta' dħul partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali impenn ikun japplika biss fejn l-element huwa suġġett għat-taxxa fil-parti l-oħra għal dik il-konvenzjoni.

3.2. Biex jimplimentaw il-punt 3.1, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu klawżola xierqa konvenzjonijiet tagħhom tat-tassazzjoni doppja. Tali klawżola tista' tinqara kif ġej:

"Fejn din il-Konvenzjoni tipprevedi li element ta' dħul ikun taxxabbli f'wieħed mill-Istati kontraenti biss jew li jista' jiġi intaxxat f'wieħed mill-Istati kontraenti, l-Istat kontraenti l-ieħor jiġi eskluż milli jintaxxa dan l-element biss jekk dan l-element ikun suġġett għat-taxxa fl-ewwel Stat kontraenti".

Fil-każ ta' konvenzjonijiet multilaterali, ir-referenza għall-"Istat kontraenti l-ieħor" għandha tkun mibdula b'referenza għall-"Istati kontraenti l-oħra".

3.3. Fejn, bil-għan li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja permezz ta' regoli nazzjonali unilaterali, l-Istati Membri jipprevedu eżenzjoni tat-taxxa fir-rigward ta' element partikolari ta' dħul li jkun inkiseb f'ġurisdizzjoni oħra, li fiha dan l-element ma jkunx suġġett għat-taxxa, l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex jiżguraw li l-element ikun intaxxat.

3.4. Għall-finijiet tal-punti 3.1, 3.2 u 3.3 element ta' dħul għandu jkun ikkunsidrat suġġett għat-taxxa fejn dan hu trattat bħala taxxabbli mill-ġurisdizzjoni kkonċernata u la jkun eżentat mit-taxxa, u lanqas jibbenefika minn kreditu fiskali sħiħ jew rata żero ta' tassazzjoni.

4. Regola Ġenerali Kontra l-Abbuż

4.1. Sabiex jirribattu prattiki aggressivi ta' pjanifikazzjoni fiskali li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli speċifiċi tagħhom kontra l-evitar tat-taxxa, l-Istati Membri għandhom jadottaw regola ġenerali kontra l-abbuż, adattata għal sitwazzjonijiet domestiċi u transkonfinali limitati għall-Unjoni u għal sitwazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi.

4.2. Sabiex jimplimentaw il-punt 4.1, l-Istati Membri huma mħeġġa biex jintroduċu l-klawsola li jmiss fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom:

"Arranġament artifiċjali jew sensiela ta' arranġamenti li ġie stabbilit essenzjalment bil-għan li tiġi evitata t-taxxa u jwassal għal benefiċċju fiskali jiġi injorat. L-awtoritajiet nazzjonali jittrattaw dawn l-arranġamenti għall-finijiet fiskali b'referenza għas-sustanza ekonomika tagħhom".

4.3. Għall-finijiet tal-punt 4.2 arranġament tfisser kwalunkwe tranżazzjoni, skema, azzjoni, operazzjoni, ftehim, għotja, qbil, wegħda, impenn jew avveniment. Arranġament jista' jinkludi aktar minn miżura waħda jew parti.

4.4. Għall-finijiet tal-punt 4.2 arranġament jew sensiela ta' arranġamenti huwa artifiċjali fejn dan ikun nieqsa mis-sustanza kummerċjali. Fid-determinazzjoni ta' jekk arranġament jew sensiela ta' arranġamenti huwiex artifiċjali, l-awtoritajiet nazzjonali huma mistiedna biex jikkunsidraw jekk dawn jinvolvux wieħed jew aktar mis-sitwazzjonijiet segwenti:

(a) il-kwalifika ġuridika tal-miżuri individwali li minnhom huwa magħmul l-arranġament hija inkonsistenti mal-bażi legali tal-arranġament fit-totalità tiegħu;

(b) l-arranġament jew sensiela ta' arranġamenti jitwettaq b'mod li normalment ma jkunx utilizzat f'dak li hu mistenni minn imġiba kummerċjali raġonevoli;

(c) l-arranġament jew sensiela ta' arranġamenti jinkludi elementi li għandhom l-effett ta' kumpens jew li jikkanċellaw lil xulxin;

(d) it-transazzjonijiet konklużi huma ta' natura ċirkolari;

(e) l-arranġament jew sensiela ta' arranġamenti jirriżultaw f'benefiċċju fiskali sinifikanti iżda dan ma jkunx rifless fir-riskji kummerċjali li l-kontribwent ikun assuma jew fil-flussi tal-flus tiegħu;

(f) il-profitt mistenni qabel it-taxxa huwa insinifikanti meta mqabbel mal-ammont mistenni mill-benefiċċju fiskali.

4.5. Għall-finijiet tal-punt 4.2, l-iskop ta' arranġament jew sensiela ta' arranġamenti jikkonsisti f'li tiġi evitata tassazzjoni fejn, irrispettivament mill-intenzjonijiet suġġettivi tal-kontribwent, dan ixejjen l-objettiv, l-ispirtu u l-iskop tad-dispożizzjonijiet fiskali li kieku kienu japplikaw.

4.6. Għall-finijiet tal-punt 4.2, skop partikolari huwa meqjus essenzjali fejn kwalunkwe skop ieħor li huwa attribwit jew seta' jiġi attribwit għall-arranġament jew sensiela ta' arranġamenti jidher mhux aktar minn negliġibbli, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

4.7. Biex jiġi ddeterminat jekk arranġament jew sensiela ta' arranġamenti wasslux għal benefiċċju fiskali kif imsemmi fil-punt 4.2, l-awtoritajiet nazzjonali huma mistiedna biex iqabblu l-ammont ta' taxxa dovuta minn kontribwent, billi jikkunsidraw dawk l-arranġament(i), mal-ammont li l-istess kontribwent kien iħallas fl-istess ċirkostanzi fin-nuqqas tal-arranġament(i). F'dak il-kuntest, huwa utli li wieħed jikkunsidra jekk wieħed jew aktar mis-sitwazzjonijiet segwenti iseħħux:

(a) ammont mhux inkluż fil-bażi tat-taxxa;

(b) il-kontribwent jibbenefika minn tnaqqis;

(c) jiġġarrab telf għall-għanijiet tat-taxxa;

(d) ma hija dovuta ebda taxxa minn ras il-għajn;

(e) it-taxxa barranija hija kkumpensata.

5. Segwitu

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda sabiex jikkonformaw ma' din ir-Rakkomandazzjoni, kif ukoll dwar kwalunkwe bidliet li jsiru lil tali miżuri.

Il-Kummissjoni se tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tagħha.

6. Destinatarji

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*